MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 391/2004

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A B C u l-konvenut l-assenti D C zzewgu fit-23 ta' Awwissu 1973;

U peress illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal illum it-tnejn maggorenni;

U peress illi l-assenti D C abbanduna d-dar konjugali kif ukoll peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Familja (Sezzjoni tal-Familja) (Dok. A);

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenut assenti kif ukoll peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

2. Tikkundanna lill-konvenut assenti jhallas lill-attrici ghaliha dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

3. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali 23, Blackey Street, Pieta ad eskluzjoni tal-konvenut;

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li ma kienux edotti bil-fatti tal-kawza, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, kienet izzewwget lill-konvenut, cittadin Taljan, fit-23 ta' Awissu 1973; u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni. Il-partijiet damu joqghodu Sqallija ghal circa 23 sena, u sussegwentement, gew lura Malta.

Jirrizulta li l-konvenut ghandu karattru dominanti u pussessiv, b' tal mod li kien jissottometti lill-attrici ghal volonta' tieghu. Din kellha ta' bilfors, sabiex izzomm il-kwiet fiz-zwieg, taghmel dak li jghid u jrid zewgha, altrimenti kien ikun aggressiv maghha. Dan kien fonti ta' hafna mrar da parti ta' l-attrici.

Eventwalment il-konvenut zewgha abbanduna d-dar konjugali f' Ottubru 2004 u mar lejn Sqallija; filwaqt li halla lill-attrici tfendi wahedha stante li la halla flus id-dar u lanqas fil-banek, anzi kien ghad hemm bilanc tal-loan tad-dar li kellu jibqa' jithallas mill-attrici b' pagamenti mensili ta' Lm75, bl-ghajnuna tal-familjari taghha, kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Mid-data ta' tluq tal-konvenut dana ma vversa ebda manteniment lill-attrici, li ghalhekk kellha d-dur fuq il-beneficji socjali ghal ghixien taghha.

Illi mill-provi nkontrastati, il-Qorti tirravviza 'sevizzi', fit-termini ta' l-artikolu 40, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici; kemm minhabba l-komportament dominanti u aggressiv tieghu li kien irrenda l-konvivenza matrimonjali difficli hafna ghall-attrici, kemm wara, meta halla lil martu bla flus tfendi ghar-rasha bl-oneru li tara kif ser tkompli thallas il-loan tad-dar. Inoltre, jirrizulta manifest

li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan bi htija tal-konvenut.

Minn naha l-ohra pero' jigi osservat li l-abbandun kif koncepit fl-artikolu 41 ma jirrizultax stante li jonqos ir-rekwizit taz-zmien, ghax filwaqt li l-attrici tghid li zewgha telaq f' Ottubru 2004, il-kawza giet istitwita fit-12 ta' Novembru 2004, u ghalhekk entro t-terminu ta' sentejn preskritt mill-ligi.

Dan premess u kkunsidrat, u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-ewwel talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisiti principalment fid-dar matrimonjali numru N23 Triq Blackley fil-Pieta' stmata mill-Perit David Pace fl-ammont ta' Lm20,000; oltre xi effetti ta' ghamara ndikati mill-attrici fin-nota taghha a fol.185 tal-process li kopja taghha qeda tigi anness ma' dan il-gudizzju bhala formanti parti mill-istess [appendici A].

**Manteniment**
Illi mill-provi mhux kontraddetti jrrizulta li meta l-konvenut kien jahdem Malta huwa kellu paga ta' Lm300 kull erba' gimghat; u minn Ottubru 2004 'il quddiem huwa ma vversa ebda manteniment lil martu li ghalhekk kellha tirrikorri fuq l-assistenza socjali u l-generozita' ta' membri tal-familja taghha.

Illum l-attrici ghadna 54 sena.

Ghaldaqstant tenut kont tal-manteniment arretrat dovut lilha minn Ottubru 2004, u dak futur, u tenut kont ukoll tal-fatt li minn dan iz-zmien il-bilanc tal-loan fuq id-dar matrimonjali baqgha jithallas mill-attrici tramite membri tal-familja taghha; kif ukoll kunsidrata il-probabbilita' kbira li l-konvenut mhux ser jonera l-obbligu tieghu li jhallas lill-attrici l-manteniment kemm arretrat kif ukoll dak li din il-Qorti tistabilixxi bhala dovut lila; il-Qorti, f' dawn ic-cirkostanzi tikkunsidera opportun li tapplika l-artikolu 54[6] tal-Kap.16, u ghalhekk qed tassenja lill-attrici sehem il-

konvenut zewgha ta’ nofs indiviz tad-dar matrimonjali u l-effetti mobbli li hemm fiha ndikati fl-imsemmija nota, ghas-saldu tal-manteniment kollu dovut lilha, kif ukoll tenut kont tal-pagamenti kollha maghmula minnha tal-loan tad-dar.

B’ hekk, in forza tal-gudizzju odjern, l-attrici ghandha l-proprjeta’ intiera tal-fond N23 Triq Blackley, Pieta’, filwaqt li l-bilanc tal-loan gravanti din il-proprjeta’ ghandu jithallas tibqa’ tithallas mill-attrici.

Illi rigward it-tielet talba, jigi osservat li, stante li l-konvenut ilu li telaq mid-dar konjugali minn Ottubru 2004, filwaqt li l-attrici, li ma taghmilx xoghol bi qligh, baqghet tghix fid-dar konjugali li issa hija fl-intier taghha proprjeta’ ta’ l-attrici, huwa xieraq li l-istess attrici tigi awtorizzata tibqa’ tghix f’ din id-dar, ad eskluzzjoni ta’ zewgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut assenti;

[2] tilqa’ it-tieni talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[3] tilqa’ it-tielet talba u tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar fuq indikata, ad eskluzjoni ta’ zewgha, u dan b’ effett immedjat;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------